

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-isparju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Poland

My e-Justice space

Polonja

Polonja



Hemm bosta pjattaformi li jipprovdu servizzi online għaċ-ċittadini fil-Polonja u teżisti [pjattaforma online ġenerali](#) biex tintegrahom. Hija maħsuba biex tgħaqqad is-siti web online tal-ministeri u l-aġenziji governattivi u biex tintegra s-servizzi diġitali pprovduti liċ-ċittadini mill-Istat. Il-pjattaforma diġà tipprovdi servizzi diġitali permezz ta' sottopjattaformi: obywatel.gov.pl (servizzi għall-individwi) u biznes.gov.pl (servizzi għan-negozji).

B'mod ġenerali, is-servizzi diġitali jinsabu f'livelli differenti ħafna ta' żvilupp. Pereżempju, is-servizzi pprovduti mill-Ministeru għall-Affarijiet Interni u l-Amministrazzjoni permezz ta' gov.pl jew obywatel.gov.pl huma relattivament żviluppati sew, filwaqt li servizzi aktar kumplessi bħal daww relatati mal-ġudikatura jkopru biss parti żgħira tas-settur.

Possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-għajnuna legali

Il-possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni online għall-għajnuna legali hija limitata għal proċeduri tal-qorti kompletament diġitalizzati, bħal proċedura tal-ordni ta' ħlas nazzjonali (ordni ta' mandat ta' inibizzjoni).

Link: <https://www.e-sad.gov.pl/>

Kumpens

Il-kumpens ma jeżistix bħala proċedura separata.

Bidu ta' kawża ċivili online

Skop u kamp ta' applikazzjoni: il-kawżi ċivili jistgħu jinbdew online biss:

1. fi ħdan proċedura msejġha "proċedura elettronika b'ordni ta' ħlas". Tista' tinbeda f'kawżi li jirrigwardaw talbiet pekunjarji, irrispettivament mill-ammont totali tat-tilwima, fis-sistema online e-Sąd (Qorti elettronika) jew
2. Proċedimenti ta' insolvenza - permezz tas-sistema ta' informazzjoni KRZ.

Awtorità kompetenti:

1. Il-proċedimenti ta' ordni elettroniċi huma notifikati mis-Sitt Diviżjoni Ċivili tal-Qorti Reġjonali tad-Distrett tal-Punent ta' Lublin f'Lublin
2. 30 taqsima speċjalizzata tal-insolvenza fil-qrati (tal-ewwel grad) reġjonali

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

1. Persuna li tibda kawża teħtieġ kont fis-sistema tal-e-Sąd. Jeħtieġ imbagħad li l-Qorti tikkonferma l-identità tiegħu/tagħha abbażi tal-bażi tad-data PESEL. Aktar 'il quddiem il-kont jista' jintuża bħala firma elettronika f'din is-sistema biss (mhijiex firma elettronika kwalifikata). Tista' tintuża wkoll firma elettronika kwalifikata.
2. Il-proċediment ta' insolvenza jinbada permezz ta' formola online fir-Regjistru Nazzjonali tad-Debituri. Dan jirrikjedi l-ħolqien ta' kont bl-użu ta' Profil Zaufany (Profil ta' Fiduċja) jew firma kwalifikata elettronika.

Effetti legali ta' dokument elettroniku:

1. Il-kawża tista' tinfetaħ online, u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji huma elettroniċi. Fi proċedimenti elettroniċi ta' ordni ta' ħlas, il-parti avversarja ma tistax twieġeb għad-dikjarazzjoni tat-talba. L-unika forma ta' appell kontra ordni ta' ħlas hija li timtela dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni (f'forma tradizzjonali jew elettronika). F'dak il-każ, l-ordni ta' ħlas titlef il-forza tagħha u ma jkollha l-ebda effett legali. Il-kwistjoni tiġi riferuta mill-qorti elettronika lill-qorti fil-ġurisdizzjoni territorjali li fiha tkun domiċiljata l-parti avversarja u tinstema' fi proċedimenti oħra.
2. Il-proċediment ta' insolvenza jista' jinbada biss online.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva

Kost:

1. Fi proċedimenti ta' ordni elettroniċi, it-tariffa tvarja, iżda l-kost tal-ħruġ ta' kawża online huwa $\frac{1}{4}$ tat-tariffa pagabbli fi proċedura tradizzjonali, għalkemm mhux inqas minn PLN 30
2. Il-proċediment ta' insolvenza: PLN 30

Link:

1. <https://www.e-sad.gov.pl/Default.aspx>
2. <https://prs.ms.gov.pl/krz>

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Fil-Polonja, in-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili ssir permezz tal-hekk imsejjaħ *Portal ta' Informazzjoni tal-Qrati Komuni*. Dan ikopri biss l-avukati professjonali. Bidliet leġiżlattivi reċenti jagħmluha wkoll possibbli fi kwistjonijiet kriminali minn Marzu 2024. Għalissa, huwa possibbli li jintbagħtu dokumenti biss b'mod unilaterali, mill-qrati lid-destinatarji.

Parteċipazzjoni fi rkanti ġudizzjarji

L-irkanti ġudizzjarji ma jsirux online. L-avviżi tal-irkanti biss jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kunsill

Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (bħala obbligu statutorju) u normalment fuq is-sit web ta' uffiċjal ġudizzjarju li jwettaq l-irkant inkwistjoni.

Ara: [Rkanti ġudizzjarji - il-Polonja](#)

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Il-Ministeru tal-Ġustizzja Pollakk qed jaħdem fuq proġett intitolat "It-tixrid ta' metodi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim billi jżiedu l-kompetenzi tal-medjaturi, billi jiġi stabbilit ir-Reġistru Nazzjonali tal-Medjaturi u b'attivitajiet ta' informazzjoni".

Huwa jipprevedi bidliet leġiżlattivi, kif ukoll aktivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni fil-qasam tal-medjazzjoni u t-taħriġ dwar il-medjazzjoni. Jipprevedi wkoll l-istabbiliment ta' Reġistru Nazzjonali tal-Medjaturi (NRM, National Register of Mediators) biex jagħmilha aktar faċli għall-partijiet interessati li jsibu medjatur li jispesjalizza f'kategorija speċifika ta' każijiet. Att tad-dħul ta' medjatur fir-reġistru jkun konferma li l-medjatur għandu kwalifiki li jawtorizzawh iwettaq medjazzjoni f'ċertu/i tip(i) ta' każijiet. Għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-komunikazzjoni bejn il-medjaturi u l-qrati (imħallfin). Se jkun reġistru pubbliku, trasparenti, li jopera bħala parti mis-sistema tal-IT għaċ-ċittadini u l-persunal tal-ġustizzja fil-Polonja. L-NRM huwa mistenni li jiġi kkompletat probabbilment sat-tmiem ta' Ottubru 2023.

Link: <https://krm.gov.pl>

Għalissa ma hemm l-ebda servizz kompletament diġitali relatat mal-medjazzjoni pprovduta mill-Istat/ġudikatura, madankollu ċentri għall-medjazzjoni indipendenti jistgħu jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni elettronika. Pereżempju, hija pprovduta medjazzjoni elettronika miċ-Ċentru għall-Medjazzjoni tal-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati Pollakka.

Link: <http://centrummediacji.nra.pl/mediacje>

Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Skop u kamp ta' applikazzjoni: L-impredituri individwali (fħaddiema għal rashom) jistgħu jirreġistraw online fir-Reġistru Ċentrali u Informazzjoni dwar l-Attività Ekonomika. Permezz ta' din ir-reġistrazzjoni imprenditur jingħata numru NIT (taxxa) u numru REGON (reġistru tal-kumpaniji).

Awtorità kompetenti: Ir-Reġistru Ċentrali u Informazzjoni dwar l-Attività Ekonomika / Il-Ministeru tal-Iżvilupp u t-Teknoloġija

Kundizzjonijiet ta' aċċess: Mingħajr kundizzjonijiet

Effetti legali ta' dokument elettroniku: L-imprenditur individwali jitqies irreġistrat jum wara r-reġistrazzjoni online.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: iva

Kost: mingħajr ħlas

Link: <https://www.biznes.gov.pl/pl/opisy-procedur/-/proc/736>

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Il-kumpaniji, jiġifieri soċjetà f'isem kollettiv, soċjetà in akkomandita, u kumpanija b'responsabbiltà limitata, jistgħu jiġu rreġistrati online permezz ta' <https://prs.ms.gov.pl/krs>

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru tal-Ġustizzja (għas-sistema tal-IT), il-qrati (għall-proċess ta' rreġistrazzjoni)

Kundizzjonijiet ta' aċċess: kont fis-sistema tal-IT (KRS)

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Il-kumpanija tista' tiġi rreġistrata online.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: iva

Kost: PLN 250-500 (kost tar-rreġistrazzjoni), PLN 100 (pubblikazzjoni fil-Monitor Sądowy i Gospodarczy)

Link: <https://ekrs.ms.gov.pl/s24/>

Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Minbarra d-dokumenti pubbliċi, it-traduzzjoni tas-servizzi diġitali ma tidhirx li hija disponibbli.

■ L-aħħar aġġornament: 13/11/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.